Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 16 ta' Gunju 2025**

**Distrett Valletta**
**Kaz nru. 3354/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jeffrey Rizzo)**

**Versus**

**Floyd Carbonaro**
**(340190M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Floyd Carbonaro,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 340190M.

Akkuzat talli nhar it-18 ta' Ottubru 2023, ghall-habta ta' 23:30hrs, bhala l-persuna responsabbli mill-istabbiliment bl-isem 'Carmen Bar', sitwat gewwa Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta:

1. Naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi tal-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja.

2. Daqq jew ippermetta li tindaqq muzika b'kull mezz gewwa l-post kummercjali msemmi, liema post kummercjali mhux licenzjat sabiex idoqq muzika amplifikata.

F'kaz ta' htija l- Qorti hija gentilment mitluba biex tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-thassir jew l-iskwalifika milli jzomm jew jikseb xi *warrant*, licenzja, permess jew awtorita' ohra mahruga mill-Gvern jew xi awtorita' pubblika ohra.
Rat id-dokumenti kolha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-affidavit taghha PC 1112 Joelene Cassar qalet illi fit-18 ta' Ottubru 2023 ghal-habta ta' bejn il-23:00 u 23:45 hi u PC 1531 ghamlu spezzjoni l-Belt fl-istabbilimenti tax-xorb. Fil-23:30 marru 'Carmen Bar' li jinsab fi Triq id-Dejqa fejn kellu muzika li kienet qieghda tindaqq b'volum gholi. Kif Karl Giglio lemah il-Pulizija resqin lejn il-bar, huwa baxxa l-muzika u wara li gie mitkellem mill-Pulizija u telqu minn fuq il-post, il-volum tal-muzika rega' zdied. Fuq il-post gie mitkellem Karl Giglio li gie ordnat ibaxxi l-muzika.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-affidavits tal-Pulizija jirrizulta li l-istabbiliment in kwistjoni dak il-hin kien qed jigi mmexxi minn Karl Giglio u l-imputat qatt ma gie mitkellem.

Illi mill-affidavit tal-MTA u d-dokumenti annessi jirrizulta li Karl Giglio huwa **registered substitute** fit-tmexxija ta' l-imsemmi 'Carmen Bar'.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat Floyd Carbonaro **mhux hati** u tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**